**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**22 ta’ Jannar 2018**

**Rikors Numru 31/2017**

**Alan Ciangura**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Alan Ciangura** pprezentat fl-10 ta’ Mejju 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*“Illi l-esponent applika ghal-licenzja sabiex jaghmilha ta’ Gwardjan Privat;*

*Illi fit-3 ta’ Mejju 2017 [Dok A] huwa rcieva risposta minghand l-intimat datata 5 ta’ April 2017 illi l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi michuda minhabba ragunijiet ta’ interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap 389 [Dok B];*

*Illi huwa stess hass ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija tal-5 ta’ April 2017 u qed jintavola dan l-Appell;*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Illi l-esponent kien applika ghal-licenzja ta’ Gwardjan Privat u ssodisfa r-rekwiziti kollha mnizzla fl-applikazzjoni;*

*Huwa kien applika madwar hames xhur ilu: huwa ma nghata ebda spjegazzjoni sakemm ircieva l-ittra ta’ rifjut;*

*Illi ghalkemm il-Kap 389 jispecifika li tali applikazzjoni tista' tigi rifjutata a bazi ta' interess pubbliku pero' l-awtorita' pubblika ma tistax tuza din il-bazi minghajr ma tispecifika r-raguni li skont hi tmur kontra l-interess pubbliku. Dan huwa principju bazilari fil-kap amministrattiv. In-nuqqas li tinghata raguni irendi d-decizjoni in kwistjoni irragjonevoli u din il-Qorti ghandha s-setgha tissindika l-istess;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-intimat kif kontenuta f'ittra tal-10 ta' April 2017 u konsegwentement jordna illi tinghatalu l-licenzja ta' Gwardjan Privat u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 24 ta' Mejju 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi preliminarjament u għal kull buon fini, l-esponent jirrileva illi ma ġietx annessa lista ta' dokumenti u lista ta' xhieda kif trid il-liġi flimkien mar-rikors promotur.*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors.*

3. *Illi nonostante li r-rikorrent is-sodisfa r-rekwiżiti imniżżla fl-applikazzjoni ma jfissirx li l-liċenzja għal gwardjan privat għandha awtomatikament tinħareġ. Tant hu hekk li l-Artikolu 9 tal-Kap 389 jippreċiża li l-Kummissarju għandu jgħaddi biex jaċċetta l-applikazzjoni jew jirrifjuta l-applikazzjoni. Di puo l-Artikolu 10 jelenka dawk iċ-ċirkostanzi li taħthom l-esponent għandu jirrifjuta l-applikazzjoni għal gwardjan privat jew lokali. Għalhekk huwa biss wara li kien hemm skrutinju tal-fedina penali tar-rikorrent mill-esponent li setgħa dan tal-aħħar jgħaddi biex jirrifjuta l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' gwardjan privat.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reat li tiegħu nstab ħati r-rikorrent, liema reat ġie mwettaq meta huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dak it-tip ta` reat fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja u dan jagħmlu fl-interess pubbliku.*

5. *Illi l-esponent jirrileva li l-Kummissarju tal-Pulizija f'tali ċirkostanzi għandu jeżerċita l-obbligi tiegħu b'diskrezzjoni u tali persuna li hija fdata b'diskrizzjoni bħal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha twettaq id-deċiżjoni tagħha b'mod raġjonevoli, b'ekwita, ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Fil-każ odjern, l-esponent jisħaq illi huwa, permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu, għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali.*

*Infatti dan jidher biċ-ċar għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija dejjem ħareġ u ġedded il-liċenzja lir-rikorrent nonostante li ma kellux il-fedina penali netta. Magħdud ma' dan, l-esponent jeċċepixxi li r-rikorrent f'Jannar 2012 instab ħati għal delitt kontra l-persuna meta l-istess kien diġa fil-pussess tal-liċenjza ta' gwardjan privat, u in segwietu ta' dan, il-Kummissarju tal-Pulizija nonostante li r-rikorrent ma kienx għamel applikazzjoni għal tiġdid, kellu dmir jevalwa l-licenzja ta' gwardjan privat liema liċenzja ġiet sospiża mill-esponent fis-sena 2013 ai termini tal-Aritkolu 10 (a) (v) tal-Kap 389. Ta' min jinnota li fis-sena 2011 l-applikant naqas milli jipproduċi ċ-ċertifikati obbligati minnu ai termini tar-Regolament 4 (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 389.01 (Regolamenti dwar Gwardjani Privati), liema regolament jipprovdi s-segwenti:*

> *'Gwardjan privat ma jikkwalifikax biex il-liċenza tiegħu tiġġedded skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(2) ta' l-Att kemm-il darba ma jissodisfax lill-Kummissarju li matul is-sena ta' qabel ikun attenda kors jew korsijiet ta' taħriġ kontinwu ta' mhux anqas minn għaxar sigħat b'kollox'.*

*Nonostante li naqas milli jipproduċi l-imsemmija ċertifikati għat-tiġdid tal-liċenzja tiegħu, l-istess liċenzja baqgħat in vigore sa ma din ġiet sospiża mill-Kummissarju esponent.*

6. *Illi minkejja li r-rikorrent ma ingħatax il-liċenzja ta' gwardjan privat in segwitu għall-applikazzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2017, dan ma jfissirx li l-istess rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol ieħor, iżda dan jfisser biss illi ma jistax jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-liġi.*

7. *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent meta r-reat wetqu waqt li huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat.*

8. *Illi di piu ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali) jindika b'mod ċar illi f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10 (b) m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati iżda 'ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.'*

9. *Illi finalment b'referenza għall-aħħar talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent joħroġ il-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 10 ta' April 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B`riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijet ta' Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ilu jahdem fil-qasam tas-sigurta` ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Fil-fatt kellu licenzja ta' gwardjan privat u ta' agenzija ta' gwardjani privati wkoll. Jispjega li izjed minn hames snin ilu kien tressaq il-Qorti fuq theddid aggravat b'arma u nghata sentenza ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin. Jghid li halla z-zmien jghaddi biex jerga' jkollu kondotta nadifa u mbaghad rega' applika ghal-licenzja biex jahdem ta' gwardjan privat. Jispjega li f'dawn is-snin hu kien jipprovdi n-nies b'servizzi ta' sigurta` fuq vapuri fl-Ocean Indjan.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet dwar diversi sentenzi li nghata r-rikorrent mill-Qrati Maltin u wkoll esebiet kopja tal-istess sentenzi u tal-fedina penali tar-rikorrent.

**Ikkunsidra:**

Illi preliminarjament il-Kummissarju intimat eccepixa li ma gietx annessa lista' ta' dokumenti u lista ta' xhieda mar-rikors promutur. Illi din l-eccezzjoni giet sorvolata siccome` fl-ewwel seduta ir-rikorrent ghalaq il-provi tieghu u ghalhekk il-Kummissarju intimat seta' jirregola ruhu sew dwar xi provi kellu bzonn iressaq. Ghaldaqstant il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni tal-istess eccezzjoni.

Illi fil-mertu r-rikorrent isejjes l-appell tieghu fuq il-fatt li, skond hu, d-decizjoni tar-rifjut hija wahda irragjonevoli tenut kont illi ma nghatat l-ebda raguni ghala l-

Kummissaarju intimat kien irrifjuta l-istess applikazzjoni abbazi tal-interess pubbliku. Illi ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) il-Kummissarju intimat ghandu jirrifjuta applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat meta jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li johrog tali rifjut.

Illi t-Tribunal jirrileva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[1] Fis-sentenza ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li*: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[2]

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[3] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-ikorrent gie mressaq il-Qorti akkuzat b'diversi reati bejn is-sena 1995 u s-sena 2012. Illi fost l-iktar reati serji hemm is-segwenti u cioe`:

---

[1] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[3] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

1. Li kkaguna feriti hfief fuq terzi fi tlett okkazjonijiet separati li jirrisalu ghas-sena 1995, 1996 u 1997;
2. Li fl-2011 kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar mhux licenzjata, tentattiv ta' offiza ta' natura gravi fuq terzi b'arma tan-nar u li bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil terzi li se tintuza vjolenza kontra taghhom.

Illi mill-atti jirrizulta illi sal-2012 ir-rikorrent kien ghadu qieghed jopera agenzija ta' gwardjani privati u dan kif jirrizulta mis-sentenza Dokument SZ5 a fol. 47 sa 48 tal-process fejn mill-istess jirrizulta illi r-rikorrent gie mressaq il-Qorti fil-kapacita tieghu ta' principal u/jew rapprezentant guridiku tal-istess agenzija dwar reati relatati mal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Illi ghalhekk jirrizulta wkoll illi l-Kummissarju intimat, minkejja s-sentenzi moghtija fil-konfront tar-rikorrent rigward ir-reati ta' feriti hfief, xorta wahda kien hareg licenzja lir-rikorrent. Madankollu jirrizulta illi, wara s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2012 rigward il-pussess ta' arma tan-nar mhux licenzjata u t-tentattiv ta' offiza gravi fuq terzi permezz ta' arma tan-nar, il-Kummissarju hass li mhux fl-interess pubbliku li jaghti lir-rikorrent licenzja biex jahdem bhala gwardjan privat.

Illi r-rikorrent ammetta li kien zbalja pero` issa jhoss li ghadda bizzejjed zmien biex jerga' jinghata cans jahdem ta' gwardjan privat.

Illi gwardjan privat irid, fost affarijiet ohra, ikun ta' ezempju ghac-cittadin f'dak li ghandu x'jaqsam tharis ta' ligijiet u zamma tal-ordni. Certament dak li wettaq ir-rikorrent ma jurix dan ir-rispett Ghalkemm dan it-Tribunal jaqbel u jemmen illi bniedem li jkun zbalja ghandu jinghata cans jirriforma ruhu, inkluz fejn jidhlu opportunitajiet ta' xoghol, wiehed irid joqghod attent li c-cittadin jibqa' jkollu fiducja fil-gwardjan privati u lokali. Illi r-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi b'arma tan-nar mhux licenzjata mhux xi reat negligibbli izda reat serju hafna. Il-fatt li r-rikorrent kellu licenzja ta' gwardjan privat fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati in dizamina jirrendi c-cirkostanzi aktar gravi u dan ghaliex meta r-rikorrent kien fdat b'servizz tant delikat huwa mar kontra wiehed mill-principji fundamentali li jsawwru tali mestjier u cioe` dak li joffri protezzjoni lil terzi. U dan it-Tribunal jifhem li kien proprju ghalhekk li l-Kummissarju intimat hass li mhux fl-interess pubbliku li r-rikorrent jithalla jezercita l-mestjier in kwistjoni. Il-mestjier in kwistjoni jirrikjedi, f'certi kazijiet, kontroll ta' sitwazzjonijiet fejn ir-reazzjoni tal-gwardjan privat tista' ssalva jew tgharraq tali sitwazzjonijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-Kummissarju intimat ezercita b'mod gust id-diskrezzjoni konferita lilu.

Illi finalment, pero`, it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-*proviso* ta' artikolu 11 (1) tal-Kapitolu 389 jistipula illi l-Kummissarju intimat jista' jiddikjara biss li r-rifjut inghata fl-interess pubbliku, ikun iktar ghaqli u ekwu illi l-istess

Kummissarju imqar jiccita s-sentenzi li abbazi taghhom, fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikun qieghed jaghti r-rifjut tieghu biex b'hekk applikant jitpogga f'posizzjoni ahjar biex jevalwa s-sitwazzjoni tieghu. **It-Tribunal jittama li l-Kummissarju intimat jaghti widen ghal dak appena rakkomandat.**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat, jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**